MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 248/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti zzewweg nhar il-11 ta' Jannar 1997 skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relativ illi kopja originali tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet ghandhom zewg ulied: J u G ahwa B illi twieldu nhar id-29 ta' Ottubru 1997 u l-21 ta' Mejju 2002 rispettivament u dana skond ma jirrizulta mill-Atti tat-Twelid relattivi illi kopji originali taghhom

qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. B u Dok. C rispettivament;
Illi s-Separazzjoni Personali bejn il-partijiet giet ippronunzjata permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar it-28 ta' Gunju 2012. Kopja Legali ta' l-imsemmija Sentenza flimkien mas-Sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta bhala Qorti ta' prim' istanza, fis-27 ta' Ottubru 2011, qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. D u Dok. E rispettivament;

Illi madankollu l-partijiet kienu ilhom isseparati de facto sa mis-sena 2005[1] u effettivament, nhar id-9 ta' Novembru 2009, l-intimata welldet tarbija Rihanna Gauci, minn relazzjoni extra-matrimonjali illi hija ghadha sal-lum tittrattjeni ma' certu Christopher Debono. Kopja originali ta' l-Att tat-Twelid ta' l-imsemmija minuri u kopja legali tas-Sentenza fl-ismijiet David Vella vs Direttur tar-Registru Pubbliku et[2], illi minnha tirrizulta d-dikjarazzjoni ta' l-intimata illi l-missier biologiku ta' bintha minuri huwa Christopher Debono[3], qieghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. F u Dok. G rispettivament;

Illi ghalhekk huwa sodisfatt ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi llum-il gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom sa mis-sena 2005, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, kif rikjest ai termini ta' l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi permezz tas-Sentenzi tas-27 ta' Ottubru 2011 (Dok. D) u t-28 ta' Gunju 2012 (Dok. E) gie ddikjarat illi l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin, filwaqt illi l-esponenti gie obbligat illi jhallas manteniment ta' mija u sittax-il Euro (€116.00) kull

[1] F'dan ir-rigward ara t-tieni paragrafu tat-tielet pagna tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar is-27 ta' Ottubru 2011 (Dok. D) fejn giet registrata l-versjoni tal-intimata illi l-esponenti telaq mid-dar matrimonjali fis-sena 2005 u minn dakinhar qatt ma rritorna lura.
[2] Rikors Guramentat numru 36/2010 NC – deciza nhar it-22 ta' Marzu 2011.
[3] F'dan ir-rigward ara t-tieni paragrafu tal-ewwel pagna tas-sentenza (Dok. G).

erba’ gimghat ghal kull wiehed minn uliedu oltre ghall-ispejjez kollha relatati ma’ l-edukazzjoni tal-minuri,u nofs l-ispejjez medici u dawk relatati ma’ l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;

Illi skond l-istess Sentenzi, il-manteniment fiss pagabbli mill-esponenti jitnaqqas direttament mis-salarju ta’ l-esponenti u jithallas lill-intimata direttament mill-employer tieghu. Inoltre, l-esponenti dejjem hallas ghal sehemu mill-ispejjez relatati mis-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri kif ordnat ai termini ta’ l-istess sentenzi;

B’hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit stipulat ai termini ta’ l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi mill-fuq premess isegwi illi f’dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar il-11 ta’ Jannar 1997, ai termini ta’ l-Artikolu 66D(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta’ l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Mejju, 2013;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonferma ir-rikors bil-gurament tieghu;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Gunju 2012, izda ilhom de facto separati sa mis-sena 2005;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova uoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------